Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appelli Nru: 92/2018 & 132/2018

Il-Pulizija

(Spettur Matthew Vella)

Vs

Louis Attard

Illum 23 ta' Lulju 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Louis Attard detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 607262M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. Fi Frar, 2014, u fix-xhur u snin ta' qabel, b'diversi atti magħmulin minnu fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, minn ġewwa r-residenza tieghu gewwa 72 'Marylou', Triq Carmelo Dimech, Mosta, ikkommetta serq ta' elettriku għad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-valur li jaqbeż €2,329.32;

2. Fl-istess perjodu, ikkorrompa uffiċjal jew impjegat pubbliku, liema uffiċjal jew impjegat pubbliku, in konnessjoni mal-kariga jew impieg tiegħu, talab, irċieva jew aċċetta għalih jew għal ħaddieħor xi rigal jew wegħda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli ieħor, jew ta' xi vantaġġ ieħor, li għalihom huwa ma kellux jedd, u barra milli aċċetta l-ħlas, il-wegħda jew l-offerta, dan l-istess uffiċjal jew impjegat fil-fatt naqas li jagħmel dak li hu fid-dmir tiegħu li jagħmel;
3. Fl-istess perjodu kkorrompa u kien kompliċi ma' uffiċjal jew impjegat f'amministrazzjoni pubblika, jew ikkorrompa u kien kompliċi ma' impjegat tal-Gvern jew mal-Gvern, liema impjegat sew jekk ma kellux jedd li jesiġi flus jew ħwejjeġ oħra bħala salarju tad-dmirijiet tiegħu, jew akkont tal-Gvern jew ta' stabbiliment pubbliku, taħt il-libsa tal-kariga tiegħu, esiġa dak li l-liġi ma tippermettix, jew iżjed minn dak li tippermetti l-liġi, jew qabel iż-żmien li jmiss skont il-liġi;
4. Fl-istess perjodu kkorrompa u kien kompliċi ma' uffiċjali jew impjegat pubbliku, liema uffiċjal jew impjegat għal xi vantaġġ privat tiegħu jew għall-benefiċċju ta' xi persuna jew entità oħra, għamel użu ħażin minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti tal-kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew ħwejjeġ mobbli, illi kienu ġew fdati lilu minħabba l-kariga jew impjieg tiegħu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-1 ta' Marzu 2018, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 261 (b), 263, 264, 278, 283 u 283A tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni (izda minghajr l-aggravju tal-valur), illiberatu mill-akkuzi l-ohra kollha u kkundannatu ghal erbatax-il xahar prigunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta gew sospizi ghal tmienja u ghoxrin xahar millum. Ordnat li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28H (1) tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta, l-imputat ihallas is-somma ta' €140 rapprezentanti kumpens sofferti mill-parte leza. Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Louis Attard, ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fid-9 ta' Marzu 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn l-esponenti gie lliberat mill-akkuzi mressqa kontra tieghu u thassarha u tirrevokaha in kwantu ghall-ewwel akkuza ta' serq billi tilliberah minnha wkoll.

Rat ir-rikors tal-appell ta' l-Avukat Generali, ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fid-23 ta' Marzu 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha **tirriforma** s-sentenza appellata billi filwaqt li:

1. **Tikkonferma** s-sentenza appellata fejn:
   i. Fl-ewwel imputazzjoni sabet lill-appellat hati tas-serq aggravat bil-mezz,
   ii. Ma sabitx lill-appellat hati tat-tieni, it-tielet, u r-raba' imputazzjonijiet,
   iii. Ordnat lill-appellat ihallas is-somma ta' €140 rapprezentanti kumpens sofferti mill-parti leza (*disconnection fee),* u

2. Tghaddi sabiex **tirrevoka** l-parti tas-sentenza fejn fl-ewwel imputazzjoni ma sabitx lill-appellat hati tal-aggravju tal-valur, u konsegwentement tghaddi sabiex issib lill-appellat hati ta' dan l-aggravju wkoll u konsegwentement tikkundanna lill-appellat ihallas l-ammont ta' €845.66 rapprezentanti l-ammont ta' serq ta' elettriku *da parte* tal-appellat, kif ukoll tikkundanna lill-appellat ghall-hlas tal-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri, tordna l-konfiska tal-*meter* imbaghbas, u tipprosegwi sabiex tinfliggi piena li hija adegwata ghac-cirkostanzi tal-kaz odjern.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Avukat Generali huma s-segwenti u cioè:-

Illi fis-sitta (6) ta' Marzu tas-sena elfejn u tmintax (2018) l-esponent ircieva minghand il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali l-atti processwali fl-ismijiet premessi u hassu aggravat bihom b'mod car u manifest in kwantu l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi prodotti quddiemha meta lliberat lill-appellat mill-akkuza ta' serq kkwalifikat bil-valur. Kif ukoll l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata tal-ligi meta naqset milli tikkundanna lill-appellat ihallas l-ispejjez relatati mal-hatra tal-esperti jew periti fil-proceduri, u naqset ukoll milli tordna l-konfiska tal-*corpus delicti* u cioe' l-*meter* imbaghbas;

Illi l-esponent japprezza u jirrikonoxxi li l-funzjoni ta` din l-Onorabbli Qorti m`hijiex li tirrinpjazza l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-Ewwel Onorabbli Qorti u minflok tissostitwixxi dan l-apprezzament b`apprezzament taghha, izda li taghmel ezami approfondit ta` l-atti processwali sabiex tara jekk f`dawk ic-cirkostanzi l-Ewwel Onorabbli Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghad-decizjoni li fil-fatt waslet ghaliha;

Illi bid-dovut rispett wiehed ma jistax jaqbel mal-argumentazzjoni u r-ragunament tal-Ewwel Onorabbli Qorti meta ddecidiet li ma tista' qatt tinstab htija fuq akkuzi bbazati semplicement fuq stima, u meta, abbazi ta' din l-argumentazzjoni u ragunament, ma sabitx lill-appellat hati tas-serq kkwalifikat tal-valur. L-esponent jirrileva li l-istima ta' €845.66 (*unregistered consumption)*[1] li l-Prosekuzzjoni esebiet sabiex tikkwantifika s-serq tal-elettriku *da parte* tal-appellat hija l-ahjar prova li hija setghet tressaq tenut kont ic-cirkostanzi tal-kaz u cioe', tenut kont li l-*meter* kien imbaghbas. Dan qed jinghad hekk kif mill-atti processwali jemergi b'mod car li l-*meter* tal-appellat kien imbaghbas. Ir-rapport kongunt tal-Prof. Ing. Cyril Spiteri Staines u Dr Martin Bajada juri li meta huma ezaminaw il-*meter* tal-appellat sabu li kien imbaghbas. Dan it-tbaghbis sar billi giet applikata sustanza '*conductive*' bejn il-contacts C46 u C45 li tat lok sabiex jigi registrat

---

[1] *Vide* fol. 49 *et seq.* tal-atti processwali

konsum inqas minn dak konsmat fir-realta'.[2] Illi wara li sar l-ezami fuq il-*meter* rrizulta li *'kien hemm margin ta' zball fil-konsum registrat ta' -52.77% punti percentwali.'*[3] Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti, abbazi tal-konkluzjoni raggunta fl-imsemmi rapport u abbazi tal-argumentazzjoni taghha specjalment f'pagni 8, 9, u 10 tas-sentenza sahqet li m'hemmx dubju li l-*meter* kien imbaghbas u li b'konsegwenza t'hekk kien *under-registering,* u konsegwentement proprju minhabba f'hekk ghaddiet sabiex sabet lill-appellat hati ta' serq ikkwalifikat bil-mezz. Infatti meta wiehed jara l-komputazzjonijiet li wiehed isib fl-istima[4] jara li mill-gurnata li fih twahhal dan il-meter imbaghbas u cioe' nhar il-11 ta' Frar 2013 sal-gurnata tal-ispezzjoni u cioe' it-12 ta' Frar 2014, jara li f'dan il-perjodu c-cifri tal-*meter reading* naqsu drastikament meta wiehed jikkumparahom mac-cifri tal-*meter reading* qabel ma gie installat dan il-*meter* imbaghbas. Dan kollu juri li kien qed jigi rregistrat inqas konsum minn dak ikkonsmat fir-realta' proprju minhabba li l-*meter* kien imbaghbas. Illi l-esponent jirrileva li huwa proprju minhabba l-fatt li l-imsemmi *meter* kien imbaghbas li l-Prosekuzzjoni setghet biss tesebixxi stima sabiex tikkwantifika s-serq tal-elettriku *da parte* tal-appellat. Huwa proprju minhabba l-fatt li l-imsemmi *meter* kien imbaghbas li wiehed ma jistax jasal ghall-ammont ezatt u preciz ta' elettriku li l-appellat kieku kien jikkonsma li kieku l-istess *meter* ma kienx imbaghbas! Ghalhekk, tenut dan kollu, il-Prosekuzzjoni ressqet l-ahjar prova fic-cirkostanzi, u cioe' stima mahduma fuq l-*average consumption* tal-elettriku *da parte* tal-appellat. Illi fuq dan il-punt l-esponent jirrileva li minkejja li l-Prosekuzzjoni ppruvat li l-ammont ta' elettriku misruq mill-appellat kien jammonta ghal €845.66, l-appellat Louis Attard fl-ebda mument ma ressaq provi sabiex jikkontradici din il-prova tal-Prosekuzzjoni, u cioe' li l-ammont ta' elettriku misruq minnu kien jammonta ghal €845.66. *Di piu'* l-esponent ulterjorment jirrileva li l-Prosekuzzjoni ressqet prova tal-*load* tal-apparat elettriku tal-appellat. Fir-rapport ta' spezzjoni ta' meter irregolari[5] wiehed isib, *inter alia,* lista u l-kwantita' ta' apparat elettriku (*appliances*) li kien jinsab fir-residenza tal-

[2] *Vide* fol. 163 tal-atti processwali
[3] *Vide* fol. 158 tal-atti processwali
[4] *Vide* fol. 51 tal-atti processwali
[5] *Vide* Dok. DRZ 1 a fol. 25 *et seq.* tal-atti processwali, u Dok. MF a fol. 235 *et seq.* tal-atti processwali

appellat. Harry Buttigieg xehed ukoll li huwa ha il-*load* tal-post.[6] Illi ghalhekk, b'kull dovut rispett lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti, il-Prosekuzzjoni ressqet provi li juru li l-appellat kien ilu ghal tul ta' zmien jisraq id-dawl u ressqet provi dwar x'*appliances* l-appellat kellu tul il-medda ta' zmien li fih kien jisraq l-elettriku. Illi kien proprju abbazi tal-*load* tal-apparat elettriku tal-appellat li setghet tinhadem l-istima tas-serq tal-elettriku *da parte* tal-appellat.

Illi tramite il-gurisprudenza l-Qrati taghna elenkaw il-metodi ta' kif jista' jigi determinat il-valur tal-oggetti misruqa jew inkella l-valur tal-hsarat. Fis-sentenza fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Joseph Zahra* moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-24 ta' Frar 2003 il-Qorti rriteniet is-segwenti:

> Fin-nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet u salv dak li jinghad fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 325, biex tigi determinata l-hsara ghall-finijiet ta' l-artikolu 325(1) tal-Kodici Kriminali (moqri ma' l-artikolu 335 ta' l-istess Kodici) din trid (i) **<u>jew tigi apprezzata direttament mill-gudikant, fis-sens li jekk il-gudikant ikun jifhem bizzejjed jista' jiddetermina huwa stess l-ammont tal-hsara billi jezamina l-oggett in kwistjoni; jew (ii) il-parti leza tghid kemm effettivament hallset biex issir it-tiswija ta' jew fi l-oggett; jew (iii) billi jitqabbad perit mill-qorti biex jaghti l-fehma tieghu dwar l-ammont tal-hsara.</u>** (Sottolinear u enfasi tal-esponent)

Illi fis-sentenza fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Robert Gafa'* moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-30 t'April 2014 il-Qorti rriteniet is-segwenti:

> Din il-Qorti ezaminat il-provi. L-oggetti misruqa huma dawk elenkati fid-Dok. JC (a fol. 36) u li gew maqbuda mill-pussess ta' l-appellant (ara Dok. JC2 a fol. 39 – 40). Inoltre fl-istqarrija tieghu l-appellant jghid li kien seraq numru akbar ta' batteriji li bighhom ghal "xi Lm250" (a fol. 19). **<u>Fil-fehma ta' din il-Qorti, anke jekk tiehu l-valur wholesale ta' l-oggetti kollha in</u>**

[6] *Vide* fol. 240 tal-atti processwali

**kwistjoni, dan se jaqbez il-Lm100. Ghalhekk il-kwalifika tal-"valur" tissussisti u konsegwentement japplika l-artikolu 279(a) tal-Kodici Kriminali.** **Irid jigi carat li fejn hemm dubju dwar il-valur ta' oggett misruq imbaghad is-soluzzjoni mhijiex dik proposta mill-appellant, cioe`, li persuna tigi lliberata izda li tiehu lanqas valur, b'hekk li persuna akkuzata b'serq ikkwalifikat bil-"valur" tista' tinsab hatja ta' serq semplici.** (Sottolinear u enfasi tal-esponent)

Illi fis-sentenza fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Joseph Cutajar* moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-23 ta' Settembru 2005 il-Qorti sahqet is-segwenti:

Dwar l-aggravji l-ohra, jibda biex jinghad li l-ewwel qorti sabet htija, fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, skond il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 325(1) tal-Kodici Kriminali, u cioe` ta' hsara volontarja fejn l-ammont tal-hsara jiskorri l-hamsin lira izda ma jiskorrix il-hames mitt lira (u ghalhekk fit-termini precizi, ghal dak li jirrigwarda l-ammont tal-hsara, tat-tieni imputazzjoni). Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa il-provi kollha li kellha quddiemha l-ewwel qorti, u hi tal-fehma li ma tistax takkolji dawn iz-zewg aggravji dwar il-hsara. Din il-Qorti, bhall-ewwel qorti, m'ghandhiex l-icken dubbju li kien l-appellant li, waqt l-aggrassjoni tieghu fuq Anthony Muscat, kissirlu kompletament in-nuccali, qataghlu katina tad-deheb b'pendent maghha (li baqghu ma nstabux), u qataghlu anke katina li kellu ma idejh. Muscat xehed li n-nuccali kellu frame tal-marka "Ray Ban" u li l-lenti, li kienet tal-vista, kienet tat-tip varifocal. **Fic-cirkostanzi tal-kaz hu evidenti li ma kien hemm bzonn ta' ebda perit biex jaghmel xi stima ta' xi oggetti biex l-ewwel qorti tikkonkludi – kif effettivament ikkonkludiet – li l-hsara kagunata kienet ta' aktar minn hamsin lira. Jekk wiehed jillimita ruhhu mqar ghan-nuccali b'dik it-tip ta' lenti, hu evidenti li l-ammont tal-hsara kien jiskorri l-hamsin lira. Meta qorti, bl-applikazzjoni tal-esperjenza ta' kulljum tal-gudikant, tkun tista' taghmel il-valutazzjoni taghha tal-ammont tal-hsara**

**(jew tal-valur ta' l-oggett misruq) fis-sens li tistabilixxi jekk ikunx inqabez jew le xi benchmark partikolari stabbilit mill-ligi (ez. jekk hux aktar minn ghaxar liri, aktar minn hamsin lira jew aktar minn hames mitt lira – Art. 325(1), Kap. 9), m'ghandux jitqabbad perit biex jaghmel stima ta' l-oggett jew oggetti in kwistjoni proprju ghax tali valutazzjoni ma tkunx "tinhtieg hila jew sengha specjali" (Art. 650(1), Kap. 9): l-ispejjez ta' tali perizja u d-dewmien li din neccessarjament iggib ikunu inutili u ghalhekk ingustifikati. Fic-cirkostanzi tal-kaz de quo, din il-Qorti ma tara li hemm assolutament xejn li ghandha tbiddel fis-sentenza appellata ghal dak li jirrigwarda it-tieni imputazzjoni.** (Sottolinear u enfasi tal-esponent)

Illi fis-sentenza fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Lorita Pace* moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-7 ta' Dicembru 2006 il-Qorti qalet is-segwenti:

> Illi dwar l-aggravju li ma saritx il-prova tal-valur tal-mobile Nokia 6600 in kwistjoni, Mario George Vella xehed li dan kien xtrah bil-prezz ta' Lm145 xi sitt xhur qabel. Issa kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fl-Appelli Kriminali mill-Prim' Imhallef V. DeGaetano fil-kawza Il-Pulizija vs. Joseph Cutajar [23.9.2005], meta Qorti, bl-applikazzjoni ta' l-esperjenza ta' kuljum tal-Gudikant, tkun tista' taghmel il-valutazzjoni taghha ta' l-ammont tal-hsara fis-sens li tistabilixxi jekk ikunx inqabez jew le xi benchmark partikolari stabilit mil-ligi, m'ghandux jitqabbad perit biex jaghmel stima tal-oggett jew oggetti in kwistjoni proprju ghax tali valutazzjoni ma tkunx "tinhtieg hila jew sengha specjali" [Art. 650(1) ta' l-imsemmi Kodici]. Dan ukoll ghaliex l-ispejjez ta' tali perizja u d-dewmien li din necessarjament iggib ikunu inutili w ghalhekk ingustifikati. Ghalhekk ladarba l-Ewwel Qorti kellha l-prova ta' kemm kien inxtara l-mobile proprju ftit tax-xhur qabel, setghet legittimament tikkonkludi li l-valur ta' dal-mobile kien jaqbez dak ta' mitt lira skond l-Artikolu 267. Ghalhekk dan l-aggravju ma hux gustifikat u qed jigi respint.

Illi tenut kont tal-insenjament fuq riportat tal-Qrati taghna, abbazi tal-komputazzjonijiet li saru biex inhadmet l-istima[7] u tar-rapport ta' spezzjoni ta' meter irregolari fejn hemm anke indikat x'*appliances* kellu l-appellat, l-Ewwel Onorabbli Qorti bl-applikazzjoni tal-esperjenza taghha ta' kuljum setghet taghmel il-valutazzjoni taghha sabiex tiddetermina jekk f'dan il-kaz inqabizx il-*benchmark* partikolari stabbilit mil-ligi, u cioe' jekk is-serq ta' elettriku jammontax ghal inqas minn €232.94, iktar minn €232.94 izda mhux iktar minn €2,329.37, jew izjed minn €2,329.37. M'ghandux ghalfejn jitqabbad espert biex jaghmel stima tal-valur tal-elettriku misruq hekk li tali valutazzjoni ma tinhtiegx hila jew sengha specjali meta wiehed izomm quddiem ghajnejh li fil-kaz tal-appellat ghandna provi univoci li l-*meter* kien imbaghbas, u meta wiehed izomm quddiem ghajnejh il-komputazzjonijiet li saru biex inhadmet l-istima u tar-rapport ta' spezzjoni ta' meter irregolari. Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet dan l-ezercizzju fis-sentenza bl-ismijiet *Il-Pulizija vs Jonathan Compagno*[8] moghtija nhar it-12 ta' Dicembru 2017. F'dan il-kaz l-imputat kien akkuzat b'akkuzi simili ghal dawk dedotti kontra l-appellat Louis Attard. Ghar-rigward tal-akkuza tas-serq ikkwalifikat bil-valur, l-Ewwel Onorabbli Qorti l-ewwel sahqet is-segwenti:

> Madanakollu dak li pprezentat l-Enemalta kienet biss stima li tirrisali ghal Jannar, 2013. Ma ngabet ebda prova li tindika minn meta kienet registrata differenza fil-konsum; lanqas ma saret prova dwar liema l-apparat misjub fid-9 ta' Gunju, 2014, kienx qed jigi uzat tul il-perjodu li fuqu nhaddmet l-istima. Ghalkemm fil-kamp civili, fejn il-grad tal-prova mistenni hu ferm anqas oneruz minn dak fil-kamp penali, tali stima tista' tkun ammissibli bhala prova, fil-kamp kriminali provi ma jsirux permezz ta' "projections" u stimi imma b'fatti konkreti li jwasslu sal-grad tal-konvinciment morali tal-gudikant.

[7] *Vide* Dok. DRZ 4 esebit minn fol. 49 sa fol. 54 tal-atti processwali
[8] Din is-sentenza ma gietx appellata

Illi minkejja dan kollu fl-istess sentenza l-istess l-Ewwel Onorabbli Qorti sussegwentement sahqet is-segwenti:

> **Illi mhemmx dubbju li minn Settembru, 2013, sa Gunju, 2014, kont ta' confectionary bl-equipment indikati fir-rapport esebit minn John Vella, facilment jeccedi l-ammont ta' mitejn u tlieta u tletin ewro u erba u disghin Ewro (€232.94); ghaldaqstant fil-fehma tal-Qorti jirrizulta l-aggravju tal-valur.** Hu sa hawn lil din il-Qorti tista' tasal tenut kont li *in dubbio pro reo* u li ma ngabet ebda prova li tissodisfa l-grad mistenni li l-ammont anke qabez l-€2,329.32 kif imputat lilu bl-ewwel akkuza. (Sottolinear u enfasi tal-esponent)

Illi l-esponent jirrileva li ma jistax jifhem ir-ragunament tal-Ewwel Onorabbli Qorti – ghandna zewg kazijiet b'akkuzi identici, fiz-zewg kazijiet giet esebita stima tal-elettriku misruq, pero' fil-kaz tal-appellat Louis Attard il-Prosekuzzjoni tramite rapprezentant tal-Enemalta pprezentat stima u l-Ewwel Onorabbli Qorti qalet li ma tista' qatt tinstab htija fuq akkuzi bbazati semplicement fuq stima u waqfet hemm, mentri fil-kaz ta' Joseph Compagno minkejja li qalet li l-Prosekuzzjoni tramite rapprezentant tal-Enemalta esebiet biss stima tal-elettriku misruq, wara, bl-applikazzjoni tal-esperjenza ta' kuljum, ghaddiet sabiex taghmel il-valutazzjoni taghha sabiex tiddetermina jekk f'dan il-kaz inqabizx il-*benchmark* partikolari stabbilit mil-ligi u konsegwentement rriteniet li m'hemmx dubju li minn Settembru 2013 sa Gunju 2014 kont ta' confectionary bl-equipment indikati fir-rapport esebit minn John Vella, facilment jeccedi l-ammont ta' €232.94! Ghaliex ir-ragunament adoperat mill-Ewwel Onorabbli Qorti fil-kaz ta' Joseph Compagno sabiex jigi kkwantifikat il-valur tas-serq tal-elettriku ma giex adoperat ukoll mill-istess Qorti fil-kaz tal-appellat Louis Attard meta dawn iz-zewg kazijiet huma simili?!

Illi *di piu'* tenut kont tal-insenjament fuq riportat tal-Qrati taghna, metodu iehor ta' kif jista' jigi elenkat il-valur tas-serq tal-elettriku huwa billi l-parti leza tikkwantifika l-

ammont misruq. Din mhux l-ewwel darba li narawha f'kazijiet fejn per ezempju l-parti leza titla' tixhed u taghti stima dwar l-valur tad-deheb misruq. Tali stima dejjem giet accettata mill-Qrati taghna hekk kif anke turi l-gurisprudenza sucitata. F'dan il-kaz tramite rapprezentanti tal-parti leza u cioe' l-Enemalta gie kkwantifikat il-valur tas-serq ta' elettriku *da parte* tal-appellat permezz ta' stima, li hi l-ahjar prova fic-cirkostanzi hekk kif spjegat iktar 'il fuq. Ghalhekk wiehed ma jistax jifhem kif l-Ewwel Onorabbli Qorti sahqet li ma tista' qatt tinstab htija fuq akkuzi bbazati semplicement fuq stima meta l-gurisprudenza tishaq li l-valur tas-serq jista' jigi determinat billi l-parti leza effettivament tikkwantifika l-ammont misruq;

Illi l-gurisprudenza tipprovdi ghal metodu iehor ta' kif jista' jigi kkwantifikat l-ammont misruq u cioe' billi jitqabbad perit mill-Qorti sabiex jaghti l-fehma tieghu dwar il-valur tal-oggett misruq. Illi l-esponent jirrileva li meta l-Qorti tahtar perit ghal dan il-ghan huwa jkun qed jaghti stima soggettiva ta' kemm jiswa' l-oggett derubat. Illi fil-kaz tal-appellat l-esponent ma jarax il-htiega li jitqabbad perit mill-Qorti hekk li sabiex huwa jasal ghall-istima tieghu, huwa xorta wahda irid jaghmel uzu mic-cifri tal-Enemalta li juru l-*average consumption* tal-elettriku *da parte* ta' Louis Attard sabiex b'hekk il-perit ikun jista' jasal ghall-istima soggettiva tieghu;

Illi l-gurisprudenza turina li l-Qrati taghna kemm-il darba sabu htija fuq akkuzi bbazati fuq stima f'kazijiet dwar serq ta' elettriku. L-esponent se jaghmel referenza ghal uhud minn dawn is-sentenzi hekk li wiehed isib ghadd ta' sentenzi fejn il-Qrati sabu htija ta' serq ikkwalifikat bil-valur abbazi ta' stima. Dan narawh fis-sentenzi fl-ismijiet *Il-Pulizija vs John Ellul*[9] moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar il-15 ta' Frar 2006, u fis-sentenza fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Alfred Grech*[10] moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 2007. Fis-sentenza fl-ismijiet *Il-Pulizija vs John Camenzuli*[11] moghtija mill-

[9] Din is-sentenza ma gietx appellata
[10] *Ibid*
[11] *Ibid*

Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar il-15 ta' Frar 2016 rapprezentant tal-Enemalta pprezenta stima ghal konsum mhux registrat ghall-ahhar hames snin qabel id-data li fiha saret l-ispezzjoni fejn id-differenza bejn il-konsum registrat u dak li kellu jirrizulta kien jammonta ghal €2,022.53. Il-Qorti sabet htija abbazi ta' din l-istima bil-mod segwenti:

> Illi ai fini ta' l-ewwel imputazzzjoni u l-aggravju tal-valur ghandu jigi rilevat li skond **l-istima** prezentat il-konsum fuq perjodu ta' hames snin kien ta' elfejn tnejn u ghoxrin Euro u tlieta u hamsin centezmu (€2,022.53). Dan l-ammont jaqa fil-parametri imsemmija fl-artikolu 279(a) tal-Kapitolu 9. (Sottolinear u enfasi tal-esponent)

Illi ghalhekk in vista tas-sentenzi sucitati fejn instabet htija fuq akkuzi bbazati fuq stima f'kazijiet dwar serq ta' elettriku, bid-dovut rispett lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti, wiehed ma jistax jifhem l-argumentazzjoni u r-ragunament ta' din il-Qorti meta ddecidiet li qatt ma tista' tinstab htija fuq akkuzi bbazati semplicement fuq stima, u meta konsegwenza t'hekk ma sabitx lill-appellat hati ta' serq ikkwalifikat bil-valur u ma kkundannatx lill-appellat sabiex ihallas is-somma €845.66 (*unregistered consumption)* rapprezentanti stima tal-valur tas-serq tal-elettriku *da parte* tal-appellat;

Illi l-artiklu 533 tal-Kodici Kriminali jistipula s-segwenti:

> 533. (1) Meta l-kawża ssir mill-Pulizija *ex officio*, il-qorti **ghandha** meta taghti s-sentenza jew f'kull ordni iehor wara, tikkundanna l-hati jew il-hatjin, ilkoll flimkien *in solidum* jew kull wiehed ghalih, ghall-hlas, lir-reġistratur, tal-ispejjeż kollha jew ta' parti mill-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri, inklużi dawk tal-esperti li jkunu ġew mahtura fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesta, f'dak iż-żmien u f'dak l- ammont bhal ma jkun ġie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni. (Sottolinear u enfasi tal-esponent)

Illi *di piu'* l-artikolu 380 tal-Kodici Kriminali jistipula s-segwenti:

> 380. (1) Meta l-azzjoni titmexxa mill-persuna li batiet il-hsara jew l-offiza, kif ukoll fil-kazijiet imsemmijin fl-artikolu 374(c) u (d), il-qorti **ghandha** tiddecidi wkoll fuq l-ispejjez u, meta l-ikkundannati jkunu tnejn jew aktar, ghandha tiddecidi jekk huma ghandhomx iwiegbu ghall-ispejjez in solidum inkella kull wiehed ghalih. (Sottolinear u enfasi tal-esponent)

Illi minkejja li l-artikoli sucitati jistipulaw li Qorti ghandha tassattivament tikkundanna lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez li ghandhom x''jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri, meta wiehed jaqra s-sentenza jara li l-Ewwel Onorabbli Qorti naqset milli taghmel dan;

Illi *di piu'* minn qari tas-sentenza wiehed jara li l-Ewwel Onorabbli Qorti naqset milli tordna l-konfiska tal-*corpus delicti* u cioe' l-*meter* imbaghbas esebit u mmarkat bhala Dok. DRZ 2 ai termini tal-artikolu 23 tal-Kodici Kriminali li jistipula s-segwenti:

> 23. (1) **Il-konfiska tal-corpus delicti, tal-istrumenti li servew jew li kien mahsub li jservu sabiex isir id-delitt, u ta' kull ma jkun gie miksub bid-delitt, hija konsegwenza tal-piena stabbilita mil-ligi ghad-delitt**, ukoll jekk dik il-konfiska ma tkunx espressament imsemmija fil-ligi, barra minn meta persuna, li ma tkunx hadet sehem fid-delitt, ikollha jedd fuq dawk l-oggetti. (Sottolinear u enfasi tal-esponent)

Rat illi l-aggravji tal-appellant Louis Attard huma s-segwenti u cioè:-

1. Illi huwa minnu li l-Qrati tal-Appell m'ghandhomx il-funzjoni li jservu bhala Qrati ta' revizjoni u huwa skoraggut milli jergghu jaghmlu apprezzament ta' provi kif ikun sar mill-Ewwel Qorti, **izda** meta dak l-apprezzament li jkun sar, ikun wiehed bl-

aktar mod manifest skorrett u zbaljat, il-Qrati tal-Appell ghandhom **obbligu** li jissindikaw il-provi huma stess sabiex jikkonsidraw jekk dak li jkun irrizulta waqt il-gbir tal-provi jkun jissodisfa l-elementi tar-reat li imputat ikun akkuzat bih. Illi issa fil-kaz odjern, l-esponenti jikkontendi b'rispett li l-Ewwel Qorti kienet totalment zbaljata fil-konsiderazzjonijiet taghha meta waslet biex issib htija kontra l-appellanti tal-ewwel akkuza. Illi l-appellanti, u izjed il-konsulenti legali tieghu baqghu zbaldorditi kif l-Ewwel Qorti setghet qatt tasal ghal xi forma ta' htija fil-kaz odjern. Illi ghalhekk l-appellanti jikkontendi b'rispett illi altru milli huwa mehtieg li l-Qorti tal-Appell Kriminali tissindika dan il-kaz mill-gdid sabiex issir gustizzja mal-appellant;

2. Illi jekk wiehed jgharbel il-process, ser jirrizultalu li ma hemm anqas 'nitfa' prova li bi kwalsiasi mod tista' titfa' ombra kontra l-esponenti. Illi f'dan il-kaz hemm zewg xhieda li huma l-pern ta' kollox ghall-prosekuzzjoni u cioè Paul Pantalleresco u Anthony Mifsud. Illi stabbilit li l-*meter* kien difettuz u stabbilit li kien hemm *de-registration* ta' mija u erbghin Euro [140] fis-sena u jum li l-*meter* ghamel installat *[bejn 11 ta' Frar 2013 – 12 ta' Frar 2014]* wiehed irid jissindika jekk l-appellanti kellux xjenza ta' dak li kien qed isehh. <u>Illi z-zewg xhieda indikati t-tnejn li huma jghidu kategorikament li l-esponenti ma kienx jaf b'dak li kien ghaddej</u>;

Illi l-Ewwel Qorti tghid li ma emmnitx lil Mifsud u tghid li skont hi, l-appellanti allura per konsegwenza ghal fatt li Mifsud ma twemminx, kien ifisser li Attard kellu xjenza ta' dak li kien qed isir. **Illi bid-dovut rispett dan il-fatt ma rrizulta minn imkien.** Hsieb u ragunament bhal dan juri li [a] il-Qorti kienet propensa li tivvinta hi dak li l-prosekuzzjoni ma ppruvatx u [b] il-principji kollha li l-kaz irid jigi ppruvat bla dubju dettat mir-raguni intesew u twarrbu b'mod inkwetanti. Illi l-esponenti jikkontendi li l-Ewwel Qorti mhux sempliciment gibdet inferenza minn dak li qal Mifsud [haga li ma tistax issir] izda sahansitra holqot f'mohhha prova inezistenti sabiex waslet biex sabet htija dwar l-akkuza tas-serq. Illi bid-dovut rispett il-mod kif giet deciza dina l-kawza altru milli jimmerita temperament u bdil, mhux biss minhabba fil-kawza ta' Louis Attard imma sabiex wiehed ikun gwidat u ma jimbarkax fuq 'avventuri' simili meta

jkun qed isir il-kalibrar tal-provi prodotti f'kaz, bil-ghan li wiehed jara x'gie jew x'ma giex ippruvat;

3. Illi bid-dovut rispett, ir-ragunament tal-Ewwel Qorti kien wiehed garbuljat apparti li legalment u guridikament skorrett. Illi f'kull sentenza jkun hemm xi paragrafu jew izjed li jkun il-qofol tar-ragunament tal-Gudikant. Dak il-paragrafu jew izjed, akkademikament jizmaskera r-raguni il-ghaliex Gudikant ikun iddecieda kif iddecieda. Illi dan huwa s-sabih ta' sentenzi motivati li bihom wiehed ikun jaf ghaliex '*rebah*' jew ghaliex '*tilef*';

Illi l-hsieb tal-Ewwel Qorti jsib l-izvog tieghu fis-segwenti zewg paragrafi, liema paragrafi l-appellanti ser jirriproduci b'mod inkredulu:-

*Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti tqis li l-imputat altru li kien jaf bil-fatt li l-meter li kien gie installat gewwa daru kien under-registering. Kien ikun hafna ahjar kieku d-difiza baqghet ma resqitx lil Mifsud jixhed ghaliex bix-xhieda tieghu, u ghar-ragunijiet li l-Qorti* ***tista' biss tispekula dwarhom****, hu pprova jiskolpa lill-imputat billi jerfa' l-madmad hu!*

*Tali tentattiv minn Mifsud falla ghaliex ma jaghmel ebda sens li filwaqt li talab li jinbidel il-meter biex jaghmel pjacir lil kugintu u lil zewgha, istantanjament u minn rajh jghid lil Pantallaresco iwahhlilhom meter imbaghbas. Lanqas ma jaghmel sens u huwa priv minn kull dell ta' buon sens li persuna thalli lil persuna ohra jwahhal meter iehor u dan meta – skond dak li jirrizulta mill-atti – ma giet murija ebda htiega ghal tali bdil…' [pagna 9 l-ahhar zewg paragrafi tas-sentenza].*

Ibda biex wiehed irid jaghmel is-segwenti kjarifici minhabba asserzjonijiet zbaljati tal-Qorti [a] l-esponenti ma ghamel ebda rikjesta biex jigi mibdul il-*meter* tieghu. Minn imkien ma jirrizulta li kienet saret xi talba mill-esponenti kif *tispekula* l-Qorti, [b] il-*meter* dam imwahhal kif indikat sena u gurnata u mhux tliet snin kif erronjament terga' *tispekula* l-Qorti. Jinghad ironikament li li kieku l-meter dam tliet snin, il-fatt li rregistra biss Euro 140 anqas kien jirrendi l-kwistjoni aktar rizorja milli gia hi! [c] Anthony Mifsud ma huwiex xhud tad-difiza izda huwa xhud tal-prosekuzzjoni. Id-difiza ma

kellha ghalfejn tressaq ebda provi f'dan il-kaz. Ifisser dan li jidher li hemm dizgwit dwar min mill-partijiet effettivament ressaq il-provi u di piu illi xhieda tal-prosekuzzjoni ma kinux ritjenuti kredibbli mill-Ewwel Qorti;

Illi però l-kwistjoni l-aktar impellenti u inkwetanti hija l-mod kif l-Ewwel Qorti tul is-sentenza kollha kif qalet fil-paragrafi kwotati kellha tasal ghas-sejbien tal-htija mhux fuq provi li rrizultaw **izda biss fuq spekulazzjonijiet. Illi dan ir-ragunament huwa skorrett u inkwetanti ferm u ferm. L-appellant ihoss li kull kumment iehor fuq dan il-punt huwa superfluwu;**

Jidher ghalhekk li skont l-Ewwel Qorti hija waslet ghar-ragunament taghha minhabba dak li rrizulta mix-xhieda ta' Anthony Mifsud kif jintqal. Izda tal-iskantament imbaghad kif l-Ewwel Qorti addirittura tghid fuq Mifsud stess li:-

*'… Ix-xhieda ta' Mifsud ghalhekk qed tigi skartata, la hi wahda safe u lanqas satisfactory, izda wahda li ghandha mill-assurd u nieqsa minn kull ombra ta' kredibilità'* [l-ahhar para pagna 7 tas-sentenza].

Rinfaccjati b'sitwazzjoni kontradittorja bhal din, l-appellanti ma jistax hlief ikompli jirreklama l-innocenza assoluta tieghu f'dan il-kaz. Mhux biss izda interessanti li wiehed janalizza wkoll il-verbali tal-Ewwel Qorti li f'mumenti minnhom addirittura waqt ir-rinviji taghmel sollecitament lill-Avukat Generali minhabba f'illi kien jidher tant u tant ovvju li l-akkuzat qatt ma kien imissu gie akkuzat f'dan il-kaz, ahseb u ara kemm qatt seta' jigi misjub hati ta' xi akkuza, kif fl-ahhar sfortunatament sehh. Illi minhabba f'hekk l-esponenti jikkontendi li huwa kellu jigi lliberat minn kull akkuza dedotta kontra tieghu.

Rat l-atti tal-kawza u t-trattazzjoni traskritta li saret quddiem din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta nhar it-12 ta' Gunju 2018.

Ikkunsidrat.

Illi dan kaz fejn il-Qorti ser titratta l-Appell tal- Avukat Generali b'mod partikolari l-aggravju tieghu li hu centrat biss fuq il-fatt li talab lil din il-Qorti tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn ma sabitx lill-appellant hati tat-tieni, tat-tielet u tar-raba akkuza izda tirriforma is-sentenza f'dik il-parti fejn l-ewwel Qorti ghalkemm sabitu hati tar-reat ta' serq ta' kurrent elettriku ma sabitx lill-appellant hati tal-aggravju tal-valur. In oltre qed jitlob li din il-Qorti sabiex tordna lill-appellant ukoll ihallas l-ispejjez involuti fin-nomina ta' esperti nominati f'din il-kawza. Oltre li tordna il-corpus delicti u cioe il-konfiska tal-meter li permezz tieghu sar it-tbaghbis.

F'dan il-kaz hemm ukoll l-appell tal-appellant fejn talab lil din il-Qorti tikkonferma is-sentenza ta' l-ewwel Qorti fejn ma sabitux hati tat-tieni tat-tielet u tar-raba akkuza u tirriformaha fejn sabet lill-appellant hati tal-ewwl akkuzau tiliebrah minnha

Illi in vista tal-Aggravju tal-Avukat Generali din il-Qorti sejra tesamina x-xhieda li inghatat **BISS** fir-rigward ta' l-ewwel akkuza u tirriproduci dak li intqal f'dan ir-rigward.

**Carmel Scerri** xehed nhar it-30 ta' Ottubru, 2014 (fol. 21) u spjega li jahdem bhala Divisional Manager Distribution tal Enemalta u li kien in charge mill-meter section u ghalhekk parti mill-portfolio tieghu hu li jiehu hsieb l-ismart meters. Spjega li f'Gunju 2014 kien dahlilhom meter minn H'Attard li gie testjat minnhom bhal kul meter iehor u instab li dan kien imbaghabas ghaliex kien 'under registering'. F'Settembru kellhom meter iehor din id-darba minn Fgura li ukoll kien 'under registering'. Huma bdew l-investigazzjoni taghom u irrizutalhom li kien hemm l-istess installer likien jahdem mal-Enemalta u apparti minn hekk il-procedura li intuzat biex ibidlu dawn il-meters kienet l-istess u cioe kienu qed jinbidlu ghall-ebda raguni partikolari.

F'Settembru huma baghtu l-ewwel meter l-Italja sabeix jigi ezaminat gewwa laboratorju hemmhekk u gie konermat li l-meter kien infetah qabel ma wasal ghandhom kien gie hacked u fil-fatt intbaghat lilhom id-dirigienti ta' l-Italja dokument dwar dak li sabu.

Dawn iz-zewg meters ukoll intbaghtu l-Italja ghal aktar stharrig u irrizulta ukoll li kienu imbaghabsa bl-istess mod.

Ghalhekk huma traw testijiet mill-Italja biex ikunu f'posizjoni ahjar li jittestjaw il-meters u dawn waslu f'Ottubru. Peremzz ta' din il-procedura jghid li l-installer li kien qed ibaghbas dawn il-meters gie identifikat u dan ghaleix bdew johorgu certu patterns. Ghalhekk in segwitu idecidew li jibdew jghamlu testijiet fuq barra.

Bdew jghamlu spezzjonijiet fuq barra u meta isbu meter li kien qieghed 'under registering' jaqlawh ipogguh f'evidence bag u johduh ghal stharrig aktar profond. Sabu li l-meters kienu qed jigu imbaghbsa qabel ma jitwahlu fuq il-post ghand dak li jkun.

**John Tonna** xehed nhar it-30 ta' Ottubru, 2014 u esebixxa ir-rapport tieghu fuq l-appellant. Spjega li l-ispezzjoni fuq dan il-meter saret fit-12 ta' Frar, 2014 u dakinhar l-Inginier kien Michael Farrugia flimkien ma Harry Buttigieg u l-pulzija PC 850.

**L-Ingineer Michael Farrugia** xehed nhar it-30 ta' Ottubru 2014 u pprezenta il-meter li gie market bhala dok DRZ2. Jghid li kienu ittestjaw il-meter fit-12 ta' Frar u sabu li ma kienx qed jirregistra l-konsum kollu. Ikkonferma li kien fil-kumpanija tal-Inginier Harry Buttigieg u ma PC 850.

Ix-xhud rega' nhar l-10 ta' Ottubru, 2017 u mitlub jipprezenta l-kopja originali tal-ispezzjoni li sar fil-konfront ta' Louis Attard jghid li kien qed jiprezentaha u git markata bhala dok MF.[12] Qal li dik hija kopja tal-original awtentitkata minnu u dan sar mill-kollega tieghu dak in-nhar ta' l-ispezzjoni li saret fuq il-post. Huwa esebixxa dokuemnt iehor u coe id dettalji dwr il-meter in kwistjoni. Dan id-dokument gie market bhala dok MF1.[13]

Ix- xhud rega' nhar l-10 ta' Ottubru, 2017 u qal li huwa assista lil Michael farugia u lil Jonny Tonna waqt l-ispezzjoni li saret fil-kaz tal-akkuzat. Muri zeg dokumenti esebiti a fol. 25 u 26 ta' l-atti jghid li ir rapport ma arx minnu izda minn Johnny Tonna. Huwa

[12] fol. 235
[13] Fol. 242.

kul ma ghamelx kien li biddel il-meter uha l-load tal-post. Mistoqsi jek jgharafx lill-akkzuat ighid li jgharfu ghaliex jahdem mieghu.

**Harry Buttigieg** xehed ukkonferma I fit-12 ta' Frar kien ghamel spezzjoni filfond 72 Triq C Dimech I Mosta biex jiccekjaw meter u mieghu kellu l- Ingineer Michael Farrugia u s-sur Tonna. L-Ingineer Farrugia iccekja l-meter u wara inghatat ordni biex il-meter jinbidel. Mistoqsi ghalfejn ried jinbidel il-meter jghid li gie mgharraf li dan ma kienx qed jirregistra sew izda konsum inqas. Huma hadu l-load u bidlu l-meter.

L-**ispettur Daniel Zammit** u **PC 810** kkonfermaw li l-appellant kien irilaxja stqarrija li tinsab esebita fl-atti a fol. 9 *et seq* u fuqha gharfu l-firma taghhom. Ikkonfermaw flimkien ma l-**ispettur Roderick Zammit** li l-appellant inghata d-drittijiet tieghu u dan irrifjuta li jkun assistit minn avukat kif jirrizulta mid-dokument esebit fl-atti a fol. 13.

L-allura spettur Daniel Zammit xehed u kkonferma li l-appellant kien gie investigat minnu fost persuni ohra rigwad serq ta' dawl tal–elettriku. Qa li l-meter li gie investigat dwaru huwa dak li instab fil-fond 72, Triq Carmelo Dimech Mosta. Spjega li f'dan il-kaz is-suspett kien li kien gie imbaghbas il-meter hu innifsu.

**Alan Chetcuti** xehed fl-istss jum tat-30 ta' Ottubru 2014 u pprezenta il-kwerela li giet markata bhala dok DRZ 3 flimkien ma stima li giet markata bhala dok DRZ4. Jghid b'referenza ghal da nil-kaz u cioe ghall perijodu ta' kemm dam installat il-meter il-hazin fil-fond 72, Triq C Dimech, Mosta bejn l-11 ta' Frar 2011 sa l-ahhar spezzjoni it-12 ta' Frar 2014 dan il-meter irregistra 7.5 units ta' dawk kuljum. Huma ghamlu l- projections ta' dak li suppost kellu jirregistra bazata fuq iil-meter test li ghamlu l-inginiera fejn sabu li kien 61.8% slow u allura stmaw li kellu jinhela 19.6 units ta' dawl kuljum. L_ammont li qed tippretendi l-Enemalta huwa ta' 1700.22 euro u jekk jitnaqqas il-penali l-ammont huwa ta' €845.6

Qal li l-istimi li hareg huma kalkolati fuq il-konkluzjonijeit raggunta mill-inginera u mit-testijiet li ghamlu fuq il-meter. Qal li dawn l-isstimi gew mahduma minn Aaron Sciberras u huwa ivverifikhom. Jghid li fil-fatt Sciberras ikun ghamel il-*ground work*

konsistenti billi idahhal ir-readings fit-template u affarijiet simili. Il-projection test li huwa ghamel kien ibbazat fuq il-meter u l-matematika li intuzat hija tajba. Qal li hadu *average* ta' dak li gie registrat f'sena.

**Antoine Busuttil** xehed nhar l-4 ta' Dicembru, 2014 u qal li jaf li l-appellant huwa impjegat tal- Enemalta u gie imharrek ghaliex kellu l-meter li ma kienx qed jirregistra l-konsum kollu. Qal li l-ammont dovut lil Enemalta huwa ta' €1072 inkluz il-penali u minghajr l-penali l-ammont kellu jkun €845.66 bhala *unregistered consumption, settlement fees* tal-Enemalta fl-ammont ta' €84.57 u s-somma ta' 140 rappresentanti *disconnection fee*. Ikkonferma li xoghlu hu li jiehu hsieb l-kontijiet tal-Enemalta.

**PC 850 Stephen Micallef** xehed u spjega li nhar it-12 ta' Frar, 2014 kien mar fil-fond 72, Triq C Dimech Mosta u hemmhekk saru xi spezzjonijeit fuq il-meter tad-dawl. Fir-resienza kien hemm certu Luis Attard li gharaf prezenti fl-awla bhala l-appellant odjern. Jghid li minnaha tieghu ma kienx hemm bzonn l-intervent tieghu bhala pulizija.

Rat id-digriet tas-16 ta' Marzu, 2015 fejn l-ewwel Qorti innominate lil Dr Martin Bajjada biex jesamina il-meter markat bhala dok DRZ2 u jirrelta dwarha.

Nhar id-9 ta' Lulju 2015 **Dr Martin Bajjada** xehed u konferma li ma kienx fuq il-post meta inqalghu il-meters. Stqarr li kellu jigbor mill-Enemalta zewg meters orginali u dan sabiex ikun jista jikkomparhom mal-meter li kien esebit f'dawn l-atti. Qal li huwa seta jqabbel l-original ma dak esebit l-Qorti. Qal li b'dan l-esercizzju jista' jghid jekk il-meter esebit kienx gie alterat jew le. Ser jikkonferma jekk il-fattizzi tal-meter originali jinstabux fil-meter esebit l-Qorti izda kif in effetti giet id-diskrepanza jekk hemm diskrepanza ma jkunx f'posizjoni li jghid. Ikkonferma li ma setax zgur jasal ghal fatt dwar min biddel jew altera l-meter jekk jirrizultalux li in effetti kien hemm xi tibdil jew alterazzjoni.

Rat id-digriet ta' l-ewwel Qorti tal-15 ta' Jannar, 2016 fejn b'zieda ghad-digriet taghha precedenti hija innominat lil Inginier Cyril Spiteri Staines sabiex flimkien ma Dr Martin Bajjada ihejju r-rapport kongunt billi jghamlu l-ezamijiet necessarju biex jaqdu l-

inkarigu moghti lilhom u nghataw ukoll il-fakolta sabiex iwetqu l-inkarigu taghhom li jigbru kul evidenza li twassal sabiex jespletaw l-inkarigu moghti lilhom.

Illi nhar it-30 ta' Novembru, 2016 xehdu **Professur Curill Spiteri Staines u Dr Martin Bajjada** u pprezentaw ir-reazzjoni kongunta taghhom li giet markata bhala dok SB. Ikkonfermaw li l-meters itihdu minghand l-esibtiur tal Qorti, ittihdu l-Enemalta fil-meter room fejn infethu fil-presenza tal-akkuzat. Instabu li s-sigilli kienu neqsin u ma kienux fil-lower screw case tal-meter. Il-meter tpogga fuq it-test bench fejn ta' rizultat ta' minus 52% fuq ir-reading. Wara infetah il-meter minn gewwa u instab li hemm *conductive paste* fuq parti mill-meter li qed jikkaguna r-reading hazin. Meta sar it-tampering pero ma setax jghidu.

Ikkonfermaw ukoll fir-relazzjoni taghhom a fol. 5 minn 18 li mill-evidence bag li fethu irrizulta li dan l-ismart meter li ezaminaw kien gie elevat nhar it-12 ta' Frar, 2014 mill-fond 72, Triq C. Dimech, Mosta.

Illi nhar l-14 ta' Frar, 2017 l-esperti regghu xehdu riprodotti u kkonfermaw li huma ma setghux jghidu jekk in effetti is-sigilli kienu intatti meta l-meter inqala mid-dar tal-appellant. Li jsitghu jghidu BISS hu li meta fethu l-evidence bag fil-presenza tal-appellant is-sigilli ma kienux intatti. Mistoqsi jekk qatt raw id-dokument EG esebit jghidu li ma rawhx. Raw biss it-tampering report. Mistoqsija jekk jafux min kien prezenti meta inqala l-meter jghidu li jafu u cioe' l-inginier Buttigieg, Michale Farrugia u certu Tonna u fuq dan id-dokument esebit hemm indikat li 'seals found good'. Mistoqsi x'inhu n-numru fuq id-dokument jghid li huwa in-numru tal-meter u mhux tas-sigill kif tghid id-difiza.

Riprodotti nhar l-10 ta' Ottubru 2017 u kkonfermaw li r-refernza ghall ismart meter ghandu ikun K19614 u ghalhekk saret awtorizzazzjon minnhom fir relazzjoni taghhom statne li kien hemm zbal tipografiku.

**Paul Pantelleresco** ighid li kien gie investigat u imrssaq il-Qorti u akkzuat fuq serq ta' konsum ta' elettriku pero l-proceduri fil-konfront tieghu kienu decizi. Mistoqsi jekk jafx

lill-akkuzat jghid li jafu ghaliex jahdem mieghu l Enemalta pero mitoqsi jekk qatt tkelmu fuq xi tbaghbis ta' meter ighid li le. Qal li kienu hu stess li biddel il-meter ta' Louis Attard ghalie xkien jirregistra konsum inqas. Qal li kien hu li wahhal meter fid-dr tal-akkuzat u kien jaf li l-meter jirregistra konsum inqas. Qal li kien avvicinah certu Anthony Micallef u qallu li Attard kellu meter bil-hsra ghaleix ma kienx qed jirregistra tajjeb u qallu ara tistax tirrangalu xi haga. Huwa qabad u biddilu l-meter bla ma spjega xejn lill-akkuzat. Qal li hu iddilja ma Micallef u id-dar fethitlu sinjura. Qal li huw akellux x'jaqsam biss ma Anthony Micallef .Ikkonferma li l-akkuzat ma kienx af bil-meter li kien imbaghabas la qabel ma twahhal u lanqas wara li twahhal.

**Ingrid Micallef** xehdet nhar l-10 ta' Ottubru, 2017 u kkonfermat li Anthony Mifsud huw aimpjegat tal-Enginerring resources Limited u ilu impjegat mal-Enemalta sa mill-1 ta' Mejju 1987. Ikkonfermat li Louis Attard ilu impjegat mal-Enematla sa mis-16 ta' Mejju, 2005 kif jirrizulta mid-dokument IM1 esebit minnha (fol. 217). Tghid ukoll li Paul Pantelleresco kien gie impjegat mal-Enemalta nhar l-1 ta' Jannar, 1992 u *dismissed* mill Enemalta fl-14 ta' Frar 2014 ( vide dok IM2 a fol. 219).

**Patrick Gauci** xehed nhar l-10 ta' Ottubru 2017u spjega li jokkupa l-kariga ta' Human Resourcing Manager ma Engineering Resources Limited u kkonferma li Anthony Mifsud beda jahdem maghhom wara is-sena 2015meta sar it takeover mill Enemalta pero l-impieg tieghu mal Enematla kien fl-1 ta' Lulju 1987 ( vide dok PM) Fir rigward tal-appellant jghid li ilum impjegat mal Enemalta sa mis-16 ta' Mejju 2005 u Pantelleresco b'effett mill-1 ta' Jannar, 1992 sal-14 ta' Frar, 2014 meta l-impieg tieghu kien gie terminat.

**Anthony Mifsud** ingunt biex jixhed nhar is-16 ta' Ottubru 2017 ghazel li ma jixhedx biex ma jinkriminax ruhu peress li l-proceduri fil-konfront tieghu kienu ghadhom ghaddejjin. Illi ix xhud rega' gie ingunt fis27 ta' Novembru 2017 u inghata l-fakolta mill-Qorti li ma iwegibx id-dmand li jsitghu jinkriminawh. Jghid li jaf lill-akkzuat u dan ghaleix huw amizzewweg lil kungina tieghu ujghid li ma keinx involute fil-kaz ta' l-akkuzat u kkonerma li qatt ma dahal fil-kwisjtoni tal-meter imbaghbas tieghu. Qal li

huw akien iltaqa' ma certu Charlie Belia u dan staqsih jekk kienx jaf xi hadd li kellu meters li jimmarkaw inqas u wiegbu biex ikellem lil Pawlu. Qal li minkejja li l-appellant mizzewweg lil kugina tieghu ma jafx fejn jghix. Mistoqsi jekk jafx jekk Pantelleresco wettaq xi xoghol ghandl-akkuzat jghid li ma jafx u lanqas sema. Mistoqsi jekk hux minnu dak I qal Pantelleresco fuqu u cioe li mar iwahhal meter ghand l-akkzuat fuq talba tieghu jghid li mhux veru u jekk qal hekk Pantelleresci huwa giddieb Jghid li qallu li kellu l-meter bil-hsara u li ghalhekk talbu biex ibiddilulu u mhux jaghtih meter imbaghbas.

L-appellant ma xehdx kif kellu kul dritt pero irrilaxja stqarrija tempo vergine tal-investigazzjoni li tinsab esebita fl-atti.[14] Stqar illi huw ajokkupa l-akriga ta' head of accounts fl-Enemalta. Mgharraf li fil-fond tieghu l-Mosta instab meter imbaghbas jekk kienx jaf xi haga dwaru jghid li ma kien jaf xejn. Mistoqsi jekk indunax bit-tnaqqis ta' konsum f'61.8 % ighid li ma nduna bl-ebd atnaqqis. <istoqsi jekk jafx lil meter installer Paul Pantelleresco ighid li jafu l Enemalta Mistoqsi jekk jafx lil Anthony Mifsud jghid li jafu ghaliex hu kugin tal-mara tieghu. Mgharraf li l-meter kien gie instllat minn dan Paul Pantelleresco u jekk kien hemm xi ftehim mieghu jghid li qatt ma kelmu. Mitoqsi jekk keinx hemm xi intermedjarju beix twahhal da nil-meter jghid li ma jafx bih. Gie issugerit lilu li l ntermedjajru seta kie Anthony Mifsud iwegeb li ma kien jaf xejn dar dan. Mistoqsi kemm hallas biex ikollu installat da nil-meter imbaghabs u ikollu qari ta' konsu inqas jghid li majhallas lil hadd. Mistoqsi jekk setax halals il Pantelelresco u wara dan qasam ma Anthony Mfisdu jghid li dwar dan ma jaf xejn. Mistoqsi jekk hux minnu li hals is-somma ta' elf euro (€1,000) sabeix jigi installat da nil-meter ighid li mhux minu. Huwa ma ta' l-ebda flus lil hadd. Mistoqsi jekk kienx jaf min hi l persuna li qed taghmel il-modifiki fuq l-ismart meters jghid li dwar dan ma jafx xejn ahseb u ara kif jista' ikun jaf min hi persuna li allegatament qed tbaghbas dawn il-meters. Huwa kkonkluda l-istqarrija tieghu billi stqarr li qatt ma ta' jew ircieva flus u lanqas qatt ma gie avvvicinat minn xi hadd biex ighaddi xi flus f'dan ir-rigward.

---

[14] Fol. 9 prezentata mill-ispettur Daniel Zammit.

Ikkunsidrat.

Illi kemm l-Avukat Generali kif ukoll id-difiza allegaw li l-ewwel Qorti m'ghamlitx apprezzament tajjeb tal-fatti kif provduti mill-prosekuzzjoni izda ghar-ragunijiet differenti kif esposti fl-aggravji tar-rikors tal-appellant taghhom. Issa kif gie ritenut ripetutament minn din il-Qorti diversament preseduta w anki kif illum preseduta, "*principju fundamentali applikabbli fl-appelli kriminali huwa li l-Qorti ta' l-Appell ma tiddisturbax facilment l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx, legalment u ragonevolment , tasal ghall-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha.*" (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Joseph Zahra**[15]" u ohrajn.)

Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi

ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et**[16]."; "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi**[17]" "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[18]" "**Il-Pulizija vs.Anthony Zammit**[19]" u ohrajn .)

[15] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-10 ta' Mejju 2002
[16] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-12 ta' Mejju, 1994.
[17] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-14 ta' Frar, 1989.
[18] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-31 ta' Mejju, 1995.
[19] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-31 ta' Mejju, 1995.

Illi appropozitu , din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza "**R. v.Cooper**[20]" (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed.*[21]"

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet : "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt**[22]", inghad illi :-

*"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat u, jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta…. , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament. Biex din il-Qorti, kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba l-gudizzju … , trid tkun konvinta li l-istess ma setghux, taht ebda cirkostanza ragjonevoli, jaghtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta."*

Illi dan ghaliex din il-Qorti bhala Qorti ta' revizjoni ma tkunx semghet hi x-xiehda jixhdu viva voce kif tkun semghethom l-Ewwel Qorti, imma tkun qed toqghod biss fuq id-depozizzjonijiet traskritti u ghalhekk, fejn si tratta ta' valutazzjoni ta' kredibilita' ta'

---

[20] [1969] 1 QB 276.
[21] BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392
[22] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-1 ta' Dicembru, 1994

xhieda, l-Ewwel Qorti jkollha vantagg ghax tkun semghat ix-xiehda u rat il-komportament taghhom fuq il-pedana tax-xhieda.

Ghalhekk din il-Qorti ma tissostitwix id-decizjoni tal-Ewwel Qorti fuq apprezzament ta' fatti anki jekk ma taqbilx maghha, jekk l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragonevolment tasal ghal dik il-konkluzzjoni. Din il-Qorti pero' taghmel ezami approfondit biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx fuq il-provi li kellha tasal b'mod "*safe and satisfactory*" ghall-konkluzzjoni ta' htija.

Bhala fatt jirrizulta s-segwenti:-

1. Illi nhar it-12 ta' Frar, 2014 saret spezzjoni fil-fond 72, Triq C. Dimech, Mosta minn rapprezentanti tal-Enemalta u cioe' l-inginier Michael Farrugia, Harry Buttieg , Johnny Tonna u PC 850.
2. Ili instab li allegatament il-meter kien difettuz fis-sens li ma kienx qed jaqra konsum rejali skond il-load li kienhem mfid-dar u ghalhekk l-meter gie maghluq u mehud f'evidene bag l Enemalta[23]
3. Illi dan l-meter gie mehud l Enemalta ghal aktar stharrig.
4. Ili Skond il-kalkoli maghmula minn Alan Chetcuti li strah fuq d-data li giet inputted minn Aaron Sciberras li ma xehdx f'dawn il-proeduri il meta irregistra 7.5 untis kuljum on average meta skond il-load li kien hemm kellu jinhela average ta' 19.6 units ta' dawl kuljum u ghalhekk l Enemalta sofriet Danni fl-amont ta' €845.66 bhala telf ta' konsum flimkien ma penali u administrative costa ohra li globalment jammontaw ghal €1700.22.[24]
5. Illi nhar id-9 ta' Gunju, 2014 l-Enemalta bagthet kwerela lill–ispettur Daniel Zammit sabiex jittiehdu passi kriminali fil-konfront tal-akkuzat illum appellant fost numri ta'persuni ohra hemm indikati[25] .

[23] Xhieda ta' Harry Buttigieg nhar it-30 ta' Ottubru, 2014 fol. 35.
[24] Xhieda ta'Alan Chetcuti mehuda nhar it-30 ta' Ottubru, 2014 fol. 43.
[25] Kwerela datata 9 ta' Gunju, 2014 markata bhal dok DZ3 a fol. 47.

6. Illi l-akkuzat irrilaxxja stqarrija qabel ma gie imressaq il Qorti fejn innega li kien jaf xi haga dwar dan l-istess meter li kien imbaghbas[26].
7. Prezenti ghall-ispezzjoni kien hemm l-akkuzat u ghalhekk il-meter inqala' fil-presenza tieghu[27].
8. Il-Qorti nnominat lil zewg esperti u cioe lil Inginier Cyril Spiteri Staines u Dr Martin Bajjada biex jesaminaw il-meter u dawn ipprezentaw ir-relazzjoni taghhom u ikkonermaw li l-mter kien tasew imbghabas u li kellu is-sigilli neqsin u li ma isntabux fil-lower case tal-meter. Intqal ukoll I fil-meter instab li kien hemm conductive paste fuq parti tal-meter li kien qed jikkawza ir reading hazin[28].
9. Pero ma setghax jghidu meta sar it-*tampering* jekk qabel ma l-mteer gie installat jew wara meta kien gja fil-post.
10. Lanqas ma setghu jikkonermaw jekk is sigilli kienux intatti meta l-meter gie elevat mid-dar tal-akkuzat[29]. Xehdu biss minn dak li irrizultalhom mill-ezami li sar fuq l-esebit li kien fl-evidence bag.
11. Mistoqsija jekk jirrizultax mid-dokument EG[30] esbit fl-atti jekk is sigili kienux neqsin meta il-meter gie maqlugh ma hux indikat fir rapport li sar a tempo vergine meta il-meter gie maqlugh.
12. Irrizulta minn ezami ta' dan id-dokument EG li l0meter gie maqlugh minn Harry Buttigeg.
13. Illi Harry Buttigieg fl-ebda hin ma jghid kif kien it- tampering fiex kien jikkonsisti izda jghid li l-meter inqala' mill Ingineer Michael Farrugia.
14. Ghalhekk deskrizzjoni ta' da nil-meter t akif kien a tempo vergine ma jirrizultax li hemm fl-atti.
15. Il-prosekuzzjoni resqet bhala xhud lil Pal Pantelleresco li kellu procedure fil-konfront tieghu dwar tbaghbis ta' meters u dan jikkonfemra li kien mitlub

[26] Stqarrija datata 9 ta' Frar, 2014 esebita a fol. 9.
[27] Xhieda ta' PC 850 mehuda nhar id-29 ta' Jannar, 2015 fol. 69.
[28] Xhieda tat-30 ta' Novembru 2016
[29] Fol. 177 xhieda tal esperti tal-14 ta' Frar 2017
[30] Fol. 180

ibiddel il-meter tal-akkzuat minn certu Anthony Mifsud. Pero jichad li qatt tkellem mal-akkuzat fuq din il-materja ta' tbaghbis.

16. Anthony Mifsud xehed u jicahd li huwa qal li Pantelleresco biex iwhhal meter imbagbas fil-fond tal-akkuzat jew meter li jaqra konsum baxx. Jghid biss li kien issugerixxa ismu ma persuna ohra u cioe Bellia li kien il-persuna idoneja dwar twahhil ta' meters li jirregistraw konsum baxx.
17. Ghalhekk nexsus bejn Mifsud u l-akkzuat ma hemmx u wisq inas bejn Pantelleresco u l-akkuzat li ighid li qatt ma kelmu.

Dawn huma l-provi in sintezi lli gew prodotti mill-prosekuzzjoni

**Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta**

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat illum appellant huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale[31] :

"*Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit*".

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-akkuzat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjoni dedotta ghandha tigi pruvata oltre kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** [32]u tghid "*pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li "dubju jkun dak dettat mir-raguni*".

Fil-fatt fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**[33], dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-

---

[31] Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890
[32] sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994

raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Illi l-Qorti tinnota li fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John Pace**[34], il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet is-segwenti:

*"Ma hemm xejn hazin illi l-Qorti tistrih fuq xhud wiehed biss kif del resto hija ntitolata li taghmel permezz tal-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9. Dan l-Artikolu jghid illi xhud wiehed jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Naturalment din ix-xhud tkun trid tigi evalwata fil-kuntest tal-linji gwida moghtija mill-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9"*.

Illi l-Qorti ser taghmel riferenza ukoll ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Abdellah Berrad et** [35] fejn inghad is-segwenti:

*"Huwa minnu wkoll kif rapportat aktar 'l fuq li fl-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9 ix-xiehda ta' xhud wiehed biss, jekk emnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar.*

*Ghalhekk jispetta lill-Qorti tara liema hija l-aktar xhieda kredibbli u vero simili fic-cirkostanzi u dan a bazi talpossibilita'.*

Dan qed jinghad minhabba il-fatt li x-xhieda ta' Paul Pantelleresco giet michuda kemm minn Anthony Mifsud kif ukoll mill-akkzuat fl-isstqarrija li kien irrilaxja a tempo

---

[33] sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997
[34] sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Ottubru 2013
[35] sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar id-19 ta' Mejju 2014

vergine tal-investigazzjoni meta kien gie affrontat bil-fatti kif mgharufa mill-pulizija investigattiva

Huwa veru wkoll li l-Qorti ghandha tqis provi cirkostanzjali jew indizzjarji sabiex tara jekk hemmx irbit bejn l-imputat u l-allegat reat. Dan qed jinghad ghaliex ghalkemm huwa veru li fil-kamp penali l-provi ndizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti, pero' hu veru wkoll li provi ndizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex il-Gudikant jaccerta ruhu li huma univoci.

Fil-fatt il-Qorti hawnhekk taghmel riferenza ghall-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-hmistax (15) ta' Gunju, 1998 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Lee Borg** [36]**,** fejn kien gie ritenut li provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci, cioé mhux ambigwi. Ghandhom ikunu ndizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat mar-reat u hadd iktar, anzi l-akkuzat biss, li hu l-hati u l-provi li jigu mressqa, ikunu kompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu.

Illi ghalhekk huwa mportanti fl-isfond ta' dan il-kaz li jigi ppruvat li kien l-imputat biss li ghamel dak li gie akkuzat bih u cioe' li baghbas il-meter li kellu installat fil-fond tieghu u b'hekk seraq il-konsum tal-elettriku ghad detriment tal Enemalta liema serq hu aggravat bil-mezz u valur. Hu ghalhekk li l-Qorti sejra tikkonsidra kwalunkwe prova possibilment cirkostanzjali li tista' torbot lill-imputat b'mod univoku bir-reati addebitati lilu.

Fil-fatt kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta' Mejju, 1961 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmelo Busuttil**[37]: "*Il-prova ndizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova tal-volta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika*".

Illi huwa veru li fil-kamp penali, il-provi ndizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti. Hu veru wkoll li l-provi ndizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci.

[36] sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hmistax (15) ta' Gunju, 1998
[37] sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-sitta (6) ta' Mejju, 1961

Archbold fil-ktieb tieghu **Criminal Practice** [38] b'riferenza ghal dak li qal Lord Normand fil-kaz **<u>Teper vs. R</u>** [39]ghid:

*"Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury is permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another [...]. It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference".*

Illi din hija ezattament il-posizzjoni hawn Malta, kif fil-fatt giet konfermata b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-disgha ta' Jannar, 1998 fil-kawza flismijiet **<u>Il-Pulizija vs Emanuel Seisun</u>**[40].

Din il-Qorti thoss u tghid li provi cirkostanzjali huma bhal

katina li tintrabat minn tarf ghal tarf, b'sensiela ta'

ghoqiedi li jaqblu ma' xulxin u li flimkien iwasslu fl-istess

direzzjoni.

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghal sentenza moghtija minn din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija v Alfred Grech</u>** [41], fejn kien gie deciz li sabiex jissusisti dan r-reat u principalment serq ta' kurrent elettriku, il-Prosekuzzjoni trid tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, li l-asportazzjoni tal-kurrent elettriku hija asportazzjoni ta' tip specjali u sui generis, trattandosi mhux ta' korp fiziku, imma ta'

---

[38]1997 Edition Para 10-3
[39] 1952
[40] Sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-disgha ta' Jannar, 1998.
[41] Sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-tlieta w ghoxrin ta' April, 1999.

energija, ssir mhux bil-komunikazzjoni illegali, li ghal bzonn tista tkun saret minn haddiehor qabel, imma bl-uzu attwali tal-apparat konsumatur tal-elettriku fil-konsapevolezza li l-kontatur mhux qed jimmarka jew mhux jimmarka sew minhabba interruzzjoni.

Fil-fatt hawnhekk il-Qorti taghmel referenza wkoll ghal sentenza ohra fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija v Anthony Grima</u>**[42], fejn kien gie ritenut li wiehed jista jipotizza l-ksur ta' sigilli, minghajr ma wara jsir serq, jekk wara hadd ma jixghel. Fil-konvers, minn jixghel l-apparat konsumatur, wara li jkun sar t-tbaghbis mal-meter u meta jkun jaf b'dan, ma jigix qed jisraq inqas milli kieku kien hu stess li nterrompa r-registrazzjoni. Pero dejjem u f'kull kaz irid jigi ppruvat dak li jiddisponi l-Kodci Kriminali u cioe l-piz li jippruvaw li ma kienux jafu bl-uzu illegittimu tal-kurrent elettriku.

Jigi rilevat li l-artikolu 546(1) tal-Kap 9, jghid x'ghandu isir biex jigi deskritt is-suggett materjali tar-reat u dan fl-istat tieghu bid-dettalji kollha wiehed wiehed, u ghandu jigi imsemmi l-istrument u l-mod li bih dan l-istrument setgha jgib l-effett.
Infatti l-artikolu 546(1) jipprovdi s-segwenti:-
*"Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tas-subartikoli li jiġuminnufih wara dan, wara r-rapport, id-denunzja jew il-kwerela ta'reat li jista' jingħata l-piena ta' priġunerija għal iżjed minn tlietsnin, u jekk is-suġġett materjali tar-reat ikun għadu jeżisti, għandujiġi deskritt l-istat tiegħu, bid-dettalji kollha wieħed wieħed, ugħandu jiġi msemmi l-istrument u l-mod li bih dan l-istrument seta'jġib l-effett.*

*Għall-finijiet ta' kull investigazzjoni bħal din, għandu jsir aċċess fuq il-post* l-*maġistrat li lilu jsiru r-rapport, id-denunzja jew il-kwerela msemmija fl-aħħar subartikolu qabel dan jista' majagħmilx aċċess jekk il-fatt li għandu jiġi investigat huwa ksurgħall-finijiet tal-artikolu 263(a) kif imfisser fl-ewwel paragrafu tal-artikolu 264(1) u jekk is-serq li għalih il-ksur jirriferixxi jew jista'jirriferixxi jkun dwar ħwejjeġ li ma jkunux jiswew aktar minn tlietau għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (23.29), għalkemmjista' jkun ikkwalifikat kif imsemmi fl-artikolu*

[42] Sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-tlettax ta' Mejju, 1976.

*261(a), (b), (d), (e),(f) u(g) jew x'wħud minnhom, ukoll jekk il-fatt x'aktarx lijikkostitwixxi reat li għalih hemm il-piena ta' priġunerija għal iżjed minn tliet snin*

Ghalhekk f'dan il-kaz l-prosekuzzjoni messha infurmat lill-Magistrat li kien ta' l-ghassa meta effettivament l-impjgati tal-Enemalta ghamlu spezzjoni u sabu li kien hemm meter tal-elettriku imbagbas u dan ghaliex hemm l-aggravju tal-valur u ghalhekk jien jispetta li ssir inkjesta magisterjali bil-ghan li jigi preservat l-oggett. Molto piu' meta tqis li l-esperti li gew nomianti ma stqarrew li ma kienux prezenti meta gie maqlugh il-meter u sostitiwit u ghalhekk ma kienux f'posizjoni li jghidu meta sar t-tbaghbis. Dwar it-tbaghbis l-esperti nomintai ma jghidu xejn salv li ma kienx hemm sigilli u lanqas ma instabu fil-parti t'isfel tal case. Pero jekk kienx hemm xi toqba fil-packing tal-meter jew affarijeit bhal dan ma jirizultax mill-atti.

Illi skond l-artikolu 264(2) tal-Kap 9, hemm presunzjoni ta' *dolo juris tantum* li ghandha tipprevali jekk ma jigix ppruvat l-kuntrarju kif gie deciz fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija v Anthony Lanzon deciza fid-tnejn ta' Settembru, 1998 mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

L-artikolu 264(2) tal-Kap 9 jistabilixxi li jekk jigi ppruvat l-ksur u l-presenza ta' mezzi qarrieqa li bihom wiehed jista jkollu l-uzu jew l-konsum illegittimu tal-kurrent elettriku, jew jibdel r-registrazzjoni tal-konsum, allura jitqies bhala prova li d-detentur tal-fond jew il-persuna li jkollha f'idejha l-fond fejn instabu dawn il-mezzi qarrieqa, jaf b'dan l-uzu jew konsum ta' kurrent elettriku illecitu, sakemm ma jigix ppruvat l-kuntrarju. Ghalhekk f'dan it-tip ta' kazi, l-onus tal-prova jinqaleb u ma jibqghax aktar fuq il-Prosekuzzjoni izda jinkombi fuq minn ikun akkuzat. Ir-rizultat ta' dan l-ispustar tal-prova ghal fuq akkuzat hu li l-posizzjoni tal-Prosekuzzjoni tkun giet reza aktar facli u b'hekk hi tkun tista tasal fejn trid tasal minghajr sforzi ta' xejn.

Il-Qorti thoss sabiex jigi ppruvat is-serq irid jikkonkorri l-element materjali u formali necessarji f'kull reat, il-*mens* u l-*actus* u jridu jissusistu l-elementi kollha ta' dan r-reat. Billi l-Prosekuzzjoni irnexxilha tipprova l-mezzi qarrieqa l-*actus reus* u dan ghaliex pprovat mixxhieda ta' lesperti nominate mill-qorti li fil-meter kien hemm conductive

tape li affettwa ir registratr tal-konsum, ma jfissirx li ppruvat l-mens tal-akkuzat u dan ghaliex l-unika prova li kellha tissodisfa l-Prosekuzzjoni hija l-*actus* ghaliex l-*mens rea* huwa presunt li jezisti f'dan it-tip ta' reat, pero kif gia intqal aktar 'l fuq, l-imputat jista ma jkollux l-mens rea f'liema kaz huwa spettanti lilu jipprova din in-nuqqas ta' xjenza statne li hemm innversjoni fuq dan l-oneru. L-oneru tal-prova tal-innocenza tal-imputat jibqa dejjem fuq il-Prosekuzzjoni li ghandha a favur taghha din il-presunzjoni li pero tista tigi newtralizzata b'xhieda u provi ohra tal-istess Prosekuzzjoni.

Illi fil-kaz in desamina l-akkuzat ghazel li ma jixhed lanqas biex jipprov jgheleb din il-presunzjoni juris tantum. Strah fuq il-provi imresqa mill-proskeuzzjoni stess u fuq l-istqarrija tieghu. F'dan l-istqarrija tieghu huw ajinnega li kien jaf b'dan il-meter li kien imbaghbas. Jghid li dawar dan ma kien jaf xejn. In otlre msitoqsi jekk kienx hu li bagbas il-meter jghid I le u mistqosi jekk kienx qabbad lil nthony Mifsud jew lil Paul Pantelelresco biex ighamle dan ix-xoghol jghid li le. Addirittura jirrizulta mix-xhieda prodotta mill-istess prosekuzzjoni li dak li qal Paul Pantelleresco fir-rigward tal-meter gie imcahhad minn Anthony Mifsud li jghid li hu qatt ma talbu biex jinstalla meter tal-fil-fond tal-akkuzat fejn kellu jirregistra konsum inqas minn dak konsmat. Mhux talli hekk talli jghid li hu ghand l-akkuzat qatt ma mar u lanqas jaf fejn jghix. Oltre dan l-akkuzat jghid li hu qatt ma tkellem ma Paul Pantelleresco. In oltre Pantelelresco ighid ukoll fix-xhieda tieghu[43] li hu qatt ma tkellem mal-akkuzat fuq il-meter u qatt ma qallu beix igiblu xi smart meter imbaghbas. Qal li gili tkelmu statne li jahdmu fl-istess post pero qatt ma tkelmu fuq dawn l-affarijiet. Fil-fatt ighid li seta kelmu xi hames darbiet biss fuq ix-xoghol fi tmienja ughoxrin sena .

Oltre dan jigi rilevat li Paul Pantelleresco jammetti fix-xhieda tieghu[44] li kien hu li baghbas il-meter pero mistqosi anke mill-Qorti jekk dan ghamlux fuq talba tal-akkuzat dan jichdu. Jghid li huwa irranga kollox ma Anthony Mifsud u meta wahhal il-meter l-akkuzat lanqas kien id-dar ghaliex kienet martu li fethitlu.

[43] Fol. 181
[44] Fol. 182

Illi ghalhekk fir-rigward tal-provi imresqa din il-Qorti thoss li l-gudizzju milqugh mill-ewwel Qorti ma kienx wiehed 'safe ' u 'satisfactory '

Ghalhekk fil-kwadru tal-provi prodotti din il-Qorti ma hix' konvinta li kien l-akkuzat li baghbas il-meter li kellu installat fil-fond tieghu u konsegwentment tiddikjara li qed tilqa' l-appell tal-appellant billi qed tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn sabitu hati tal-ewwel akkuza bl-aggravju tal-mezz u tikkonfermaha fir-rimanenti parti taghha u qeda tichad l-appell tal-Avukat Generali billi qed tiddikajra lill-appellant mhux hati minn kull akkuza u tilliberah minn kull akkuza.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

Vera Kopja

Franklin Calleja

Deptuat Registratur